Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CHARMAINE GALEA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1026/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Haber**

**vs**

**Alexander Getachew Giday**

Il-Qorti;

Rat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexander Getachew Giday, ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, bin Getachew Giday u Kidan, ta' Nazzjonalità Eritrejana, imwieled l-Eritreja fit-8 ta' Awwissu 1986 u mingħajr residenza permanenti, Numru mogħti mill-Pulizija 12W-005, akkużat talli:

F'data bejn Marzu u April 2013, bħala persuna illi imbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-

informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-kaz jiġi trattat bi proċedura sommarja (Dok MH1)

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jigi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-istess akkuża.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija u wkoll illi l-imputat ikkometta dan ir-reat peress li martu kienet tinsab rikoverata ġewwa Sptar fl-Isvezja.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 28 u artikolu 32 tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat Alexander Getachew Giday, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal tlett (3) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu

28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta’ sena (1) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------